A.L. 139 ta' l-2006

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli ta' l-2006 li jemendaw ir-Regoli dwar Tnaqqis u Krediti ta' Taxxa (Kwalifiki Ġenerali u Speċifiċi)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 14(2) u 96 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel ir-regoli li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2006 li jemendaw ir-Regoli ta' l-2005 dwar Tnaqqis u Krediti ta' Taxxa (Kwalifiki Ġenerali u Speċifiċi), hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regoli msejħa "ir-regoli prinċipali". A.L. 335 ta' l-2005.

Bidu fis-seħħ.

2. Dawn ir-regoli għandom japplikaw għal infieq kwalifikanti li beda jsir fl-1 ta' Mejju, 2006 jew wara.

Jemenda r-regola 2 tar-regoli prinċipali.

3. Ir-regola 2 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) fit-tifsira "kwalifika ġenerali", il-kliem "*full-time*" għandu jiġi mħassar;

(ii) fit-tifsira "kwalifika speċifika", il-kliem "*full-time*" għandu jiġi mħassar.